

Uċuħ nazzjonali ġodda tal-muniti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni

(2013/C 379/11)

Il-muniti tal-euro għaż-ċirkolazzjoni għandhom l-listat ta' valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika d-disinji l-ġodda kollha tal-muniti tal-euro (¹) bil-ħsieb li tinforma lill-partijiet kollha kkonċernati mitluba li jużaw il-muniti fxogħolhom kif ukoll biex tinforma lill-pubbliku b'mod ġenerali.



1 ĊENTEŻMU
TAL-EURO



2 ĊENTEŻMI
TAL-EURO



5 ĊENTEŻMI
TAL-EURO



10 ĊENTEŻMI
TAL-EURO



20 ĊENTEŻMU
TAL-EURO



50 ĊENTEŻMU
TAL-EURO



1 EURO



2 EURO

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: L-Istat tal-Belt tal-Vatikan

Data tal-ħruġ: Jannar 2014

Deskrizzjoni tad-disinji:

Il-muniti taċ-ċenteżmu, taż-2 ċenteżmi u tal-5 ċenteżmi tal-euro juru l-profil tax-xellug tal-Kap tal-Istat il-ġdid, il-Papa Franġisku. Il-kliem "CITTÀ DEL VATICANO" fuq, fnofs tond. Is-sena tal-ħruġ "2014" u l-marka taz-zekka "R" fuq il-lemin.

Il-muniti tal-10 ċenteżmi, tal-20 ċenteżmi u tal-50 ċenteżmi tal-euro juru l-wiċċ tal-Kap tal-Istat il-ġdid, il-Papa Franġisku. Il-kliem "CITTÀ DEL VATICANO" fuq, fnofs tond. Is-sena tal-ħruġ "2014" u l-marka taz-zekka "R" fuq il-lemin.

Il-muniti tal-euro u taż-2 euro juru l-wiċċ tal-Kap tal-Istat il-ġdid il-Papa Franġisku kemxejn mdawwar lejn ix-xellug. Il-kliem "CITTÀ DEL VATICANO" fuq, fnofs tond. Is-sena tal-ħruġ "2014" u l-marka taz-zekka "R" fuq il-lemin.

Iċ-ċirku estern tal-munita jirrappreżenta t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Il-kitba fuq ix-xifer tal-munita taż-2 euro hija: 2 *, ripetuta sitt darbiet, darba bis-sew darba bil-maqlub.

(¹) Ara ġU C 373, 28.12.2001, p. 1, ġU C 254, 20.10.2006, p. 6 u ġU C 248, 23.10.2007, p. 8 għal referenza għall-muniti euro l-oħra.